**Iżżerżaqt lejn il-ġenna**

Ilmaħtek titqabad it-taqbida ħarxa
Biex tgħix ħajtek żagħżugħa,
Wisq ħerqana
Spiċċajt tistenna
U iżżerżaqt lejn il-ġenna.

Dik ħajtek mimlija ħolm
Ta' ħwejjeġ kbar mill-aqwa
Biex intemmet ħesrem
Mingħajr benna
U iżżerżaqt lejn il-ġenna.

U meta l-minġel kiefer tal-mewt
Lilek qata' u ħasdek minn żewġek
U nqagħtet il-fjura
Bla ħadd ma stenna
U iżżerżaqt lejn il-ġenna.

Hemm f'idejk ħelwa u bla ħajja
Is-santa ta' Ġesù Ħanin tixgħel
Dak ġismek mitfi bil-kedda
Tal-marda mġenna
U iżżerżaqt lejn il-ġenna.

Fuq dik l-imħadda tal-uġiegħ
Xarrabt bi dmugħek li għerrqek
Fl-abbiss tal-kalċi tal-imrar
Tal-Golgota mħenna
U iżżerżaqt lejn il-ġenna.

U miċ-ċedri spiċċajt f'pajjiż il-għasel
Li għalik kien tbatija u firda
Sakemm niżel is-separju fuq ħajtek
U issa qed tithenna
U iżżerżaqt lejn il-ġenna.

Iżżerżaq, iżżerżaq, għax il-ferħ qiegħed
Fejn il-qalb tintefaħ u l-moħħ jitmiegħek,
Iżżerżaq, iżżerżaq, lejn is-Saltna bla tmiem
Iżżerżaq għarusa, għall-ġenna tas-sliem.

Patri Mario Attard OFM Cap
19/9/2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.